Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 445 JANNAR 2014

*"Jaqaw Kristu mifrud?" (1 Kor 1,13)*

## *OTTAVA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-INSARA*
## Mit-18 sal-25 ta' Jannar 2014

- L-Erbgħa 15 ta' Jannar isir is-Servizz Ekumeniku. Tajjeb nippartecipaw.

***It-Tieni Sinodu ta' Għawdex, fid-Digrieti 71b u 72 dwar din il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara jgħidilna:***
"Għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Peress li meħtieġ ħafna t-talb, huma rrikmandati ħafna l-'Ġimgħat għall-Għaqda tal-Knejjes' li jsiru fil-parroċċi, kif ukoll is-servizz ekumeniku li għandu jsir għall-inqas darba fis-sena. Huwa mixtieq li l-Kattoliċi jissieħbu mal-aħwa mifrudin minna sabiex jagħmlu talb lil Alla fi kwalunkwe ħtieġa komuni li fiha jistgħu u għandhom jikkoperaw flimkien, per eżempju sabiex jissaħħu l-paċi fejjieda u l-ġustizzja soċjali, il-karità reċiproka fost il-bnedmin, id-dinjità tal-familja u ħwejjeġ bħal dawn."

---

## Laqgħat għall-Katekisti tat-Tfal

Is-Segreterija Pastorali se tagħmel xi laqgħat ta' evalwazzjoni tal-ħidma kateketika mal-katekisti tat-tfal. Il-laqgħat isiru fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, fis-6.30pm. Tajjeb li min jista' jattendi.

- Il-Ġimgħa 3 ta' Jannar: Laqgħa mal-Katekisti tal-1-3 sena
- It- Tnejn 6 ta' Jannar: Laqgħa mal-Katekisti tal-4-6 sena u tal-Griżma
- L-Erbgħa 8 ta' Jannar: Laqgħa mal-Katekisti tal-Godly Play

---

## KONFERENZA DJOĊESANA DWAR IL-FAMILJA

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed torganizza Konferenza Djoċesana bis-suġġett: **Imma kif ma tifhimnix? Ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied.**
**Data:** Is-Sibt, 25 ta' Jannar 2014
**Post:** Villa Fiorita (Limiti ta' Marsalforn)
**Ħin:** 5.30-8.30pm
**Kelliem:** Padre Amedeo Cencini, psikoterapisa u psikologu.
Kulħadd huwa mistieden. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal. Ikun hemm traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti għal min ikollu bżonn.

---

## ADORAZZJONI U TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET

Infakkru li kull l-ewwel Ħamis tax-xahar fil-kappella tas-Seminarju ssir ġurnata adorazzjoni b'talb għall-Vokazzjonijiet (mis-7.00am sal-10.00pm). Inħeġġu lill-membri tal-Għaqdiet biex isibu ftit ħin u jmorru fil-kappella tas-Seminarju jitolbu quddiem Ġesù Ewkaristija. Fl-istess jum, bejn is-7.00 u t-8.00 ta' filgħaxija jinżamm mument ta' talb organizza mill-Grupp Talb Dun Mikiel Attard.

Nixtiequ nagħtu l-Awguri tagħna għas-sena ġdida 2014 lil dawk kollha li jieħdu ħsieb iqassmu, jaqraw u jwettqu dak li din in-"NEWSHEET" tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi twasslilhom u lil dawk kollha responsabbli u membri tal-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi ekkleżjali kif ukoll xandara tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali li biha jinqdew biex iwasslu dan il-materjal li jsibu fiha għall-informazzjoni u formazzjoni tas-semmiegħa u qarrejja tagħhom minn xahar għal xahar matul din is-sena 2014.

**NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA 2014 LIL KULĦADD!**

| JANNAR 2014 | # KALENDARJU PASTORALI | Numru 445 |
|---|---|---|

| | |
|---|---|
| 1.Erbgħa | Solennità tal-Imqaddsa Omm Alla Marija / Is-47 Jum il-Paċi (Pontifikal fil-Katidral).<br>Ġabra fil-knejjes għad-Dar tal-Providenza. |
| 2.Ħamis | Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-vokazzjonijiet (Seminarju mis-7.00 am sal-10.00pm.)<br>Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard" (Seminarju mis-7.00pm sat-8.00pm). |
| 3.Ġimgħa | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ador. u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa mal-Katekisti tal-1-3 sena (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-6.30p.m.) / Attività Vokazzjonali 6th. Form./Laqgħa għall-*adoptive parents* (KDF -7.30pm) / Laqgħa għall-Persuni Separati (KDF fit-8.00p.m./ Addorazzjoni għall-koppji għarajjes u miżżewġin (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II mit-8.30p.m. sad-9.30p.m.) / Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.00pm). |
| 4. Sibt | Ċenaklu Azzjoni Kattolika fil-4.00p.m. Dar Ċentrali A. K. Victoria.<br>Lejl adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku (Parroċċa tal-Għasri li jibda b'quddiesa fit-8.00pm). |
| **5. Ħadd** | Solennità tal-Epifanija tal-Mulej (Pontifikal fil-Katidral). Jitħabbru l-Festi li jimxu mal-Għid.<br>Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 6.Tnejn | Jum is-Sant'Infanzja (*Children helping children*).<br>Laqgħa mal-katekisti tal 4-6 sena (Ċentru Ragħaj it-tajjeb fis-6.30p.m.) |
| 7.Tlieta | Preparazzjoni MTŻ 2 (KDF San Ġorġ u Katidral - 6.30p.m.) |
| 8.Erbgħa | Laqgħa mal-katekisti tal-Godly Play (Ċentru pastorali ragħaj it-Tajjeb 6.30p.m.).<br>Preparazzjoni MTŻ 2 KDF fis-7.00p.m. |
| 9.Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.4 (S.F.) / Preparazzjoni MTŻ 1 (KDF fis-6.15p.m.) |
| 10.Ġimgħa | |
| 11. Sibt | Laqgħa għad-Diretturi Spiritwali Leġjun ta' Marija.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. (Knisja ta' Savina, Victoria, li jibda b'quddiesa fit-8.00pm). |
| **12.Ħadd** | Il-Magħmudija tal-Mulej. Festa.<br>Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 13.Tnejn | Jiftħu l-Applikazzjoni għal Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja. |
| 14.Tlieta | AKSK (Konservatorju Sek.) / Preparazzjoni MFF 3 KDF 3 fis-6.30p.m. |
| 15.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Laqgħa RKPF (KDF – 7.00p.m.) / Servizz ekumeniku Leġjun ta' Marija. |
| 16.Ħamis | Laqgħa għalliema YR.6. (SF.). |
| 17.Ġimgħa | Sant' Anton Abbati- Tifkira (O) /Laqgħa għall-Persuni Separati ( KDF - 8.00pm). |
| 18-25 | Issir il-45 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda tal-Insara. |
| 18.Sibt | Bidu tal-45 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara.<br>Laqgħa ta' Awguri għall-Kleru mal-Isqof (Seminarju - 9.00am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00pm). |
| **19. Ħadd** | It-Tieni Ħadd tas-sena A. Festa ta' Sant'Anton Abbati (Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra).<br>Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 21. Tlieta | Sant'Anjeże Verġni u Martri. Tifkira (O). |
| 22. Erbgħa | San Publju Prinċep ta' Malta. Tifkira (O).<br>It-8 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Quddiesa ta' Radd il-Ħajr (Knisja Ragħaj it-Tajjeb - 6.00pm).<br>KKSK (Konservatorju Sek) / Laqgħa Nukleju Ċentrali KDF fis-7.00p.m./ Preparazzjoni MFF 2 KDF fit-8.00p.m. |
| 23. Ħamis | Secondary School Expierence (Skejjel tal-Knisja) / Laqgħa għall-Għalliema Yr.5 (SF). |
| 24.Ġimgħa | San Franġisk ta' Sales, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Laqgħa għas-saċerdoti (Seminarju fil-5.00p.m.) / Seminar għall-istaff tal-iskejjel primarji BC, LV, ST.<br>Laqgħa Vokazzjonali 6th Form (7.00p.m.) |
| 25. Sibt | Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl. Festa.<br>Laqgħa għas-saċerdoti (Seminarju fid-9.00a.m.)<br>Quddiesa għall-operaturi fil-Midja (Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Rabat - 5.00pm).<br>Konferenza Djoċesana dwar il-Familja (KDF - Villa Fiorita - 5.30p.m.<br>Adorazzjoni għall-Qdusija tal-Persuni Ikkonsagrati (Parroċċa tax-Xagħra fis- 6.30pm.)<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. (Kappella Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00pm). |
| **26. Ħadd** | It-Tielet Ħadd tas-sena A.<br>Festa tal-Konverżjoni tal-Appostu Missierna San Pawl (Knisja ta' Marsalforn).<br>Il-61 Jum il-Morda bil-Lebbra (Jum il-Ħansenjani) / Jum iċ-Centru Parrokkjali. |
| 27. Tnejn | Applikazzjonijiet Interni F.1 (Skejjel tal-Knisja). |
| 28. Tlieta | San Tumas t'Akwinu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Applikazzjonijiet Interni F.1 (Skejjel tal-Knisja). |
| 29. Erbgħa | Laqgħa koordinaturi Attività Teatrali (Skejjel tal-Knisja) |
| 30.Ħamis | Laqgħa għal Adoptive Parents (KDF fis-7.30p.m.) |
| 31. Ġimgħa | San Ġwann Bosco presbiteru. Tifkira (O).<br>Laqgħa għall-Persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (KDF fit-8.00p.m.) |